# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 724/2017/LSO**

**Maria Pruss maghruf ukoll bhala Maria Riabokon (Passaport Malti numru 1290512)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Maria Pruss datat 9 ta' Awwissu 2017 fejn espona: -

Illi l-esponenti li sa ftit granet ilu kienet cittadina Ukrena kif kienu wkoll il-genituri taghha u huha minuri Boris ottjeniet c-cittadinanza Maltija permezz tal-programm IIP u ghalhekk illum ghandha cittadinanza doppja u hija cittadina Maltija. Id-dokument mahrug mill-Awtoritajiet Maltin li jikkonferma li huwa sar cittadin Malti u cioe' l-passaport numru 1290512 li qed jigi hawn ezebit u mmarkat **Dokument A.**

Illi l-esponenti li twieldet fl-Ukrajna fis-26 t'Ottubru 1994 kien gie rregistrat bil-kunjom Riabokon kif jidher mill-anness **Dokument B.**

Illi l-esponenti kienet fid-9 ta' Lulju 2015, wara li missierha Oleh Pruss biddel kunjomu minn Riabokon ghal Pruss ghamlet l-istess sabiex kunjomha flok baqa' Riabokon **sar** Pruss skont id-**Dokument C** anness.

Illi l-esponenti qieghda bhalissa flimkien ma' membri ohra tal-familja taghha taghmel dak li hu neccessarju sabiex l-att tat-twelid taghha gewwa l-Ukraina dokument B anness jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Illi l-awtoritajiet Maltin wara li accettaw li jaghtu lill-esponenti cittadinanza Maltija hargulha passaport Malti li fih kunjomha gie ndikat bhala Pruss u cioe' l-kunjom mibdul kif spjegat supra. Infatti meta l-esponenti giet biex

jinharigilha l-passaport Malti u meta allura kienet diga' ghaddiet id-dokumenti kollha minnha mitluba lill-Identity Malta fosthom ic-certifikat tat-twelid taghha kif ukoll ic-certifikat ta' meta bidlet kunjomha u l-accettazzjoni ufficjali Ukraena ta' dan il-bdil ara *email* datata 17 ta' Mejju 2016 **Dokument D** anness, cirka sena wara Identity Malta ghamlet U turn u nfurmatha permezz ta' *email* ohra datata 18 ta' Mejju 2017 annessa **Dokument E** illi l-parir li kien inghata fl-ewwel *email* kien parir skorett u li sabiex il-kunjom taghha fuq ic-certifikat tat-twelid taghha Ukren jigi jaqra l-istess bhal kunjomha fuq il-passaport Malti u cioe' l-kunjom mibdul minn Riabokon ghal Pruss l-esponenti kellha tiftah kawza fil-Qrati ta' Malta biex tkun tista' tibdel il-kunjom qadim b'dak il-gdid permezz ta' ordni tal-Qorti.

Illi gara allura li filwaqt li fil-passaport tal-esponenti kunjomha huwa ndikat bhala Pruss, kif huwa wkoll indikat il-kunjom ta' ommha Elena, missierha Oleh u huha Boris, annessi u mmarkati bhala Dokument F ghall-kuntrarju l-att tat-twelid tal-esponenti huwa ndikat bil-konjom l-antik u cioe' Riabokon b'dan illi din l-inkongruwenza sejra 'l quddiem tikkawza problemi kemm ghalih kif ukoll ghall-membri ohra tal-familja tieghu. *Di piu`* sahansitra l-passaport Ukren tal-esponenti kif ukoll dawk tal-genituri taghha u ta' huha jindikaw illi konjomha huwa Pruss u mhux Riabokon. Kopja tal-passaporti Ukreni qed jigu annessi u komplessivament immarkati bhala Dokument G.
Illi minhabba dan kollu u kif inghad izjed ‘il fuq l-esponenti giet diretta u hekk ghandu jkun li tiftah dawn il-proceduri

quddiem din l-Onorabbli Qorti biex issewwi din l-inkongruwenza.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` tenut kont illi l-esponenti saret cittadina Maltija f'dawn I-ahhar granet illi l-intimat ghandu biex jopponi ghal din it-talba partikolarment ukoll minhabba li I-esponenti ilha maghrufa bil-kunjom Pruss ghal bosta snin u qabel ftit granet ilu ma' kellha qatt I-ebda konnessjoni ma' dan il-pajjiz.

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *in vista* tal-premess u *ai termini* tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tordna t-tibdil fl-att tat-twelid tal-esponenti taht l-intestatura kunjom it-tarbija l-kunjom Pruss flok il-kunjom Riabokon.

2. Tordna sussegwentement lill-intimat direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel I-annotament u tibdil mehtieg fl-intestatura kunjom it-tarbija fl-att tat-twelid Dokument B u dana taht kull provvediment li din il-Qorti tista' taghti, jekk ikun il-kaz.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tas-7 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 12 ta' Settembru 2017 (fol 49) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi skont it-talba kif dedotta, ir-rikorrenti qed titlob sabiex ikun hemm it-tibdil fl-Att tat-Twelid taghha, sabiex dan jirrifletti kunjomha bhala 'Pruss' u mhux bhala 'Riabokon';

4. Illi l-esponenti tissottometti illi tali talba hija intempestiva *stante* li fir-Registru Pubbliku ta' Malta ma jezisti l-ebda registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi jekk ir-rikorrenti taghzel li tirregistra l-Att Originali Esteru tat-Twelid taghha *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut Direttur huwa xorta kostrett illi jaghmel tali registrazzjoni kelma b'kelma

skont l-informazzjoni misjuba fl-atti esteri li jkunu eventwalment gew pprovduti lilu *ai fini* ta' registrazzjoni;

6. Illi s-surreferit isir minkejja li jista' jigi pprovdut xi *deed poll, statutory declaration* jew xi forma ohra ta' certifikat li juri li kien hemm tibdil fl-isem u/jew il-kunjom ta' persuna u dan *stante* li dawn ix-xorta ta' certifikati mahruga minn awtoritajiet esteri ma humiex regolati fil-ligi nostrana;

7. Illi bla hsara ghal premess, l-esponenti tissottometti illi galadarba dahlu fis-sehh ricentament, l-emendi fil-Kodici Civili permezz tal-Att Nru. XXIII tal-2017, il-procedura stabbilita f’ cirkostanzi simili hija proprju dik misjuba f’ Artikolu 257(1)(b);

8. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

9. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tas-seduta tal-Hamis, 3 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, u ddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament skont il-Ligi nhar il-31 ta' Ottubru 2017 (fol 62), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

**Il-fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kienet residenti u cittadina fl-Ukrajna, fejn kienet imwielda kif jidher minn Dok B esebit. Illi hija biddlet kunjomha fl-Ukrajna, permezz ta' Dok C esebit datat 18 ta' Gunju 2015, peress li missierha biddel kunjomu minn "Riabokon" ghal "Pruss." Hija qed tipprocedi b'dan il-kaz peress li filwaqt li wara li hi ottjeniet ic-cittadinanza Maltija permezz tal-programm IIP, kunjomha fl-att tat-twelid kif registrat, ghadu qed jidher Riabokon mhux Pruss, kuntrarjament ghall-passaport Malti taghha esebit bhala Dok F, fejn kunjomha huwa indikat bhala Pruss.

**Provi:**

Gie esebit affidavit tal**-avukat Dmytro Pidgayani**, avukat Ukren bhala '*proof of foreign law'* (fol 65), li kkonferma li c-certifikat tal-bdil tal-kunjom fl-Ukrajna sar b'konformita` mal-ligi ta' l-Ukrajna. Hu kkwota wkoll mil-ligi tal-Ukrajna fejn qal li ghat-tfal minuri biss isirilhom certifikat tat-twelid gdid li jirrifletti l-kunjom il-gdid.

**Maria Elisabeth Pruss** permezz ta' affidavit (fol 66) xehdet, li hi twieldet fis-26 ta' Ottubru 1994, u qalet li l-bdil fil-kunjom sar peress li missierha ddecieda li jiehu l-kunjom tan-nanna paterna. Semmiet li l-bdil fil-kunjom sar skont il-ligi ta' l-Ukrajna, u immedjatament wara li rceviet ic-certifikat tal-bdil tal-kunjom fit-18 ta' Gunju 2015, hija biddlet il-kunjom fil-passaport Ukren taghha hekk kif rikjest mil-ligi. Qalet li hi llum cittadina Maltija residenti fl-Isvizzera.

Illi r-registrazzjoni ta' certifikat tat-twelid mahrug fl-esteru jigi registrat mir-Registru Pubbliku f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16**. Fil-kaz odjern l-intimat oppona *stante* l-intempestivita' tat-talba billi kienet ghadha ma saritx ir-registrazzjoni tal-att tat-twelid mir-rikorrenti. Madanakollu ghamel referenza ghall-artikolu 257(1)(b) tal-Kodici Civili ta' Malta li jippermetti registrazzjoni skont talbiet simili.

Illi effettivament din il-Qorti kif attwalment presjeduta kellha diversi okkazzjonijiet biex tittratta talbiet simili ghar-registrazzjoni ta' tibdiliet effettwati b'*deed poll* jew *statutory declaration*. F'dawk is-sentenzi din il-Qorti dejjem applikat il-principji enuncjati mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, (dec. fil-31 ta' Jannar 2011) (Ara ad ez, **Dr Noella Sciriha et noe vs Direttur Registru Pubbliku** dec - 30 ta' Jannar 2018; L-**Avukat Dr Ramona Azzopardi noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku -** 10 ta' Novembru 2016; u **Yoke Yee Elaine Camilleri vs Direttur Registru Pubbliku** - 23 ta' Marzu 2018, din ta' l-ahhar kienet tirrigwarda tibdil tal-ewwel isem mhux tal-kunjom, u l-gurisprudenza hemm citata). Applikati dawn il-principji din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti li ghandha tghaddi biex tordna r-registrazzjoni tat-tibdil billi c-certifikat tat-twelid baqa' inalterat u kwindi l-artikolu 244 tal-Kodici Civili ma jistax jigi applikat.

Illi kif irrileva l-intimat stess fir-Risposta tieghu, li giet introdotta emmenda ghall-**artikolu 257 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** permezz tal-Att XXIII tas-sena 2017[1] li taghti lill-cittadini Maltin id-dritt li japplikaw lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa "*fejn ir-reġistrazzjoni ta' persuna bħala ċittadin ta' Malta ssir jew tkun se ssir abbażi tal-isem u/jew il-kunjom li jkunu jidhru fl-att tat-twelid ta' dik il-persuna u din ir-reġistrazzjoni tkun tista' tagħti lok għall-ħolqien ta' identità*

---

[1] *XXIII.2017.53.*

*doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identità ta' dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx għadha reġistrata b'dak l-isem u/jew il-kunjom fl-atti uffiċjali ta'pajjiż ieħor" .*

Illi l-kaz odjern huwa fost dawk ikkontemplati b'dan is-subartikolu kif hekk emmendat u ghalkemm il-kaz kien gie introdott quddiem din il-Qorti u mhux quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili, ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tapplika l-artikolu kif emmendat a beneficcju tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet billi fit-termini tal-artikolu 257(1)(b) tal-Kodici Civili tordna illi jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-att tat-twelid tal-attrici meta dak l-att tat-twelid jigi registrat f'Malta, taht l-intestatura kunjom it-tarbija, sabiex tirrifletti it-tibdil mill-kunjom "Riabokon" ghall-kunjom "Pruss."

Tichad it-talbiet in kwantu qed titlob li jsiru annotazzjonijiet fuq ic-certifikat tat-twelid taghha riljaxxat mill-Awtoritajiet Ukreni billi hija guridikament insostenibbli.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**